MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2007

Numru 59/2005

Il-Pulizija
(Sp Daniel Zammit)
vs
Robert Brincat, iben Henry, imwieled Attard fl-14 ta' novembru, 1972

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fis-27 ta' ġunju, 2004 għal ħabta tal-11.45 p.m. fi Triq ix-Xatt, Gżira, saq vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni IBD 407 –
1. b'manjiera perikoluża;
2. saq jew prova jsuq jew kellu kontroll ta' l-imsemmija vettura fit-triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kondizzjoni li jsuq minħabba xorb jew drogi;
3. talli rrifjuta jew naqas milli jagħti skond il-liġi kampjun tan-nifs jew kampjun ta' l-urina;

4. saq l-istess vettura mingħajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji għal terżi persuni;
5. talli b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tajjar lil Karen Pace u involontarjament ikkaġunalha offiżi ta' natura gravi per durata skond kif iċċertifika Dr. Clifford Caruana M.D. ta' l-Isptar San Luqa.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat tal-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi fis-27 ta' ġunju, 2004 għal ħabta tal-11.45 p.m. fi Triq ix-Xatt, il-Gżira ġara nċident stradali fejn Karen Pace ġiet imtajra minn vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni IBD 407, misjuqa mill-imputat. L-inċident ġara ħdejn il-pont ta' Manoel Island fejn hemm 'zebra crossing' u ATM machine tal-Bank of Valletta. Ġara li Karen Pace dak in-nhar kienet ma l-għarus tagħha, illum żewġha, fil-karozza tiegħu. Hu pparkaja l-karozza n-naħa tal-baħar biswit il-pompa tal-petrol li hemm kważi faċċata z-'zebra crosing'. Shaun Mifsud, l-għarus ta' Karen, nieżel mill-karozza, qasam it-triq u mar jiġbed il-flus mill-ATM machine. Għal xi raġuni l-'credit card' biex jiġbed il-flus ma kinitx qed taħdem. Għalhekk, Karen Pace nieżlet mill-karozza, qasmet it-triq u tat lil Shaun Mifsud il-'card' tagħha. Shaun Mifsud beda juża l-'card' ta' Karen Pace u hi qasmet lura lejn il-karozza tagħhom. Huwa f'dan il-mument li ġara l-inċident.

Illi Karen Pace xehdet li hi qasmet minn fuq iz-'zebra crossing' bid-dawl aħdar
Hi rat li tista' taqsam u fil-fatt qasmet it-triq. Dak hu kollu li tiftakar.

Illi Shaun Mifsud ma rax l-inċident billi kien dahru lejn l-għarusa tiegħu. Hu sema’ daqqa, dar u ra lil Karen Pace fl-art.

Illi ċertu Alfred Coleiro xehed li kien miexi ħdejn showroom tal-għamara sitwata fil-kantuniera. Il-pożizzjoni tiegħu kienet ftit bogħod minn fejn ġara l-inċident. F’daqqa waħda jisma ħabta ta’ karozza u ħaseb li din il-karozza ħabtet ma karozza oħra. Hu mar fuq il-post ta’ l-inċident, sab persuna ma l-art, id-driver tal-karozza wiċċu bid-demm u deher stordut. Fil-fehma tiegħu d-dawl kien aħdar li karozza setgħet tgħaddi.

Illi konsegwenza ta’ dan l-inċident Karen Pace ġarrbet feriti f’rasha u f’għanejha tax-xelluq u minn dik l-għajn partikolari ma tistax tara apparti li ġarbet feriti oħra f’saqajha. Dawn il-feriti hu ta’ natura gravi u dik f’għajnejha hi ta’ natura permanenti.

Illi PS513 Anthony Gerada mar fuq il-post ta’ l-inċident u ien hu li nvestiga l-istess. Hu kellem lill-imputat li qallu li kien ġej mid-direzzjoni ta’ l-Imsida meta ħin minnhom ra grupp ta’ nies jaqsmu minn fuq il-‘pedestrian crossing’, kiser lejn ix-xelluq biex jevithom u baqa’ tiela b’parti tal-van fuq il-bankina. Fil-fehma tiegħu ma kien laqgħat lil ħadd. Hu xamm li l-imputat kellu riħa ta’ xorb u beda jitkellem b’mod irregolari u qallu li ser jagħmillu l-rest tan-nifs. L-imputat qal li ma jiflaħx u ried imur l-isptar. L-imputat irrifjuta li jagħti kampjun tan-nifs l-isptar u meta ġie msejjaħ mit-tobba biex jinvistawh hu kien telaq mill-isptar.

Illi PS1102 Robert Everest assista lill-PS513 Anthony Gerada. Hu kellem lill-imputat l-isptar u xamm li kellu riħa ta’ xorb u għalhek iż-żewġ uffiċjali tal-pulizija riedu li jagħmlu t-test tan-nifs. Hu tah is-soltu twissija iżda sfortunatament ma xehedx x’tip tat-twissija kienet. Ftit wara nqalgħet biċċa xogħol oħra u telaq mill-isptar.

Illi ma nġabet ebda prova dwar jekk il-karozza kinitx kopert b’assikurazzjoni valida.

Illi mill-'isketch' eżebit fl-atti ta' din il-kawża jirrizulta li l-karozza waqgħfet 16.30 metri bogħod mill-'pedestrian crossing' u ftit wara l-istess 'pedestrian crossing' kien hemm ħġieġ u demm mal-art.

Illi l-imputat għażel li ma joffrix ix-xhieda tiegħu.

Illi min imkien ma jirrizulta li fuq il-post ta' l-inċident kien hemm xi numru ta' nies li kienu qed jaqsmu.  Mid-dinamika ta' l-inċident jidher ċar li l-imputat ma żammx 'a proper look out' kif mitlub minn sewqan prudenti.  L-inċident ġara fl-abitat, fi triq traffikata ħafna, kemm mill-karozzi kif ukoll min-nies.  Jidher evidenti li l-imputat hu unikament responsabbli għall-inċident li ġara, iżjed hu iżjed meta qal lill-pulizija li kien hemm in-nies li qed jaqsmu.  Kieku l-imputat kien qed isuq fil-limiti konsentiti għal dik iz-zona, hu ma kienx jispiċċa iktar minn sittax il-metru mill-'pedestrian crossing'.  Hu ċar ukoll li l-inċident ġara fuq il-'crossing', tant hu hekk li l-ewwel biċċiet tal-ħġieġ instabu eżatt wara l-linja bajda li tiddelimita dan il-'crossing'.  Mhuwiex konċeppibli li l-imputat qal lill-pulizija li hu ma rax lill-midruba, kieku avviċina l-'pedestrian crossing' b'attenzjoni.  Dan jirrizulat f'sewqan perikoluż u bi traskuraġni.

Illi ma nġabet ebda prova dwar xi tip ta twissija ngħatat lill-imputat u l-istess ma nġabet ebda prova dwar il-polza ta' assikrazzjoni li kienet tkopri din il-karozza.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn dawn l-akkużi.  Issibu ħati tal-ewwel u tal-ħames akkuża miġjjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 225 u 226(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' elf lira maltin (Lm1,000).  Inoltre, tordna s-sospensjoni ta' kwalunkwe liċenzja tas-sewqan ta' l-imputat għal perjodu ta' sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------